## Il-Kult Reliġjuż fl-Arti u l-Arkitettura

# Il-Kult Preistoriku ta' l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni

minn John SARÈ



Il-kelma Ipoġew tfisser stutturi taħt l-art li jkollhom kmamar kbar jew għerien li fihom isir id-dfin. L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni għandu għerien naturali u oħrajn imħaffra mill-bniedem fi tliet livelli taħt wiċċ l-art. Il-ġebla hi tal-franka. Qiegħed fuq għolja tan-naħa ta' nofs inhar tal-Port il-Kbir. Erbat elef sena qK kien hemm komunitajiet bieżla u ekonomikament sinjuri. Dawn bnew tliet strutturi kbar f'Kordin li minnhom baqa' biss Kordin III, bnew 4 tempji f'Ħal Tarxien li baqa' biss tnejn weqfin u ħaffru taħt l-art l-Ipoġew.



L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, kif narawh illum.

Fl-1902, il-Gvern ta' Malta, taħt it-tmexxija tal-Gvernatur il-Ġeneral Lord Grenfell għall-ewwel darba fl-istorja tal-kultura Maltija, ta tagħrif fuq numru kbir ta' għerien u fissuri li kien hemm taħt l-art ġewwa Ħal Saflieni. Din il-mergħa ta' art hija karatterizzata minn ħafna ħofor kbar u żgħar li huma komuni ħafna fil-blat Malti. Ftit 'il bogħod minn Ħal Saflieni hemm biċċa art magħrufa b'Tal-Għerien. Man-nies ta' l-inħawi, kien sinjal li bih jingħaraf il-post (*landmark*).

Imma l-għerien ta' Ħal Saflieni kienu skoperta speċjali għax dawn il-fissuri, kif għal bidu kienu jsejħulhom, kellhom sinjali qawwija ħafna ta' attività li kienet ġejja mill-bniedem. Mill-ewwel ġie mqabbad Annetto Caruana biex jara u jeżamina dan il-post taħt l-art. Mill-ewwel induna li dan kien post fejn il-bniedem bikri qatta' ħajtu. Il-post wera li kien post għall-qima reliġjuża. Kien maħsub li kien il-post ta' l-ewwel insara. Iżda meta beda l-iskavar u t-tindif, ħareġ fil-beraħ li hemm kien jiġi pprattikat kult reliġjuż preistoriku u liema kult konna għadna ma nafu xejn fuqu.

Dan il-monument tfaċċa fi żmien importanti ħafna għal Malta, għax kien żmien meta fil-bidu tas-seklu 20 kien hawn qawmien favur il-kultura. Rajna t-twaqqif tad-Dipartiment tal-Mużew li kellu r-responsabbiltà tal-ħarsien ta' l-antikitajiet Maltin. Qabel dan iż-żmien, l-antikitajiet Maltin kienu ta' kulħadd u kull min sab xi ħaġa "*good luck to him.*" Annetto Caruana kien biblijotekarju, kif ukoll gwardjan ta' siti storiċi fl-arċipelagu Malti. Caruana refa' responsabbilitajiet wisq aktar milli kienet tagħtih il-liġi, fil-limitazzjoni tagħha. Kien jieħu ħsieb il-monumenti li kienu diġà nstabu sa dak iż-żmien. Kien hu wkoll li f'idejh il-Gvern Ingliż kien afda r-restawr ta' siti megalitiċi. F'dak iż-żmien ir-restawr kien jikkonsisti billi ttella' u terġa tibni mill-ġdid xi sit li jkun waqa' maż-żmien. Kien Annetto Caruana li tħabat biex il-Gvern jieħu taħt idejh Ħaġar Qim, Ta' Kaċċatura u d-Dar Rumana fir-Rabat. Fl-1886, Caruana kien għamel attakk qawwi ħafna permezz ta' artikli fil-gazzetti fejn kien wera n-nuqqas tal-Gvern fir-rigward ta' Liġi li tipproteġi "it-teżori antiki ta' Malta." Temi Zammit kien qal li l-monumenti storiċi u l-antikitajiet fil-Gżejjer ta' Malta ma huma responsabbiltà ta' ħadd.

Il-Gvern Ingliż, minħabba li l-Flotta tal-Mediterran kienet fl-aqwa tagħha, ried tarzna fil-qrib u kien għażel li jiżviluppa bis-sħiħ it-tarzna. Kien għalhekk li ħafna familji telgħu joqogħdu f'Raħal Ġdid biex il-kap tal-familja jkun viċin il-post tax-xogħol. Dar fi Triq iċ-Ċimiterju nxtrat u bdiet titkabbar. Kien hawn li sfronda saqaf u meta xi ħaddiema niżlu isfel sabu dinja oħra. Imma dan il-post żamm is-sigriet tas-sejba tiegħu għal ħafna snin. Sigriet li kien jinvolvi l-ħaddiema kollha, is-sidien ta' l-art kif ukoll l-inkwilini. Hu magħruf bħala "*the best kept secrets of the century*"!

Sa l-1903 l-art u d-djar kollha madwar dan is-sit kienu propjetà pubblika. Sadanittant Malta kellha Gvernatur ġdid li kien il-Ġeneral Sir Charles Mansfield-Clarke. Dan qabbad lill-ġiżwita Patri Manuel Magri biex jibda jiskava u joħroġ rapport dettaljat. Magri kien metikoluż, antikwarju magħruf u riċerkatur mill-aqwa. Sfortunatament mix-xogħol kollu ta' Magri ma għandna xejn. Dan ġie mibgħut fi Sfax, fit-Tuneżija, fuq xogħol

missjunarju u miet hemm fl-1907. L-awtoritajiet kemm ċivili kif ukoll ekklesjatiċi kienu jafu bl-importanza ta' dan is-sit u ħadd ma mar warajh biex jiġbor notamenti. Ix-xogħol tkompla minn Zammit li dan kompla fejn ħalla Magri, bid-differenza li Zammit tana ħafna u ħafna notamenti fuq dan is-sit. Magri ħadem fuq is-saff tan-nofs u Zammit ħadem fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet saff.

Zammit ħalla miktub li kien sab għerien imdaqqsa kif ukoll oqbra. Dawn kienu kollha mimlija ħamrija u fil-ħamrija kien hemm iġsma midfuna. In-numru ta' nies midfuna kien għoli. Mal-mejtin kien hemm kwantità kbira ta' fuħħar, għodda taż-żnied, u għodod oħra magħmula minn ġebel tal-qawwi. Għalhekk it-tindif ta' l-għerien u l-iskavar kellu jsir bil-għaqal u bil-galbu. F'wieħed mill-għerien kien sab 120 skeletru fi spazju li ma kienx jesa' aktar minn 6 iġsma midfuna kif suppost. Fl-aħħar fażi tiegħu, l-Ipoġew beda jintuża bħala depożitu ta' għadam tal-mejtin li kien jinġabar mill-komunitajiet kollha mxerrdin ma' Malta. Din l-użanza kienet komuni ħafna fiż-Żmien Neolitiku, meta l-fdalijiet tal-mejtin kienu jinqalgħu mill-oqbra u mitfugħa f'ossarju. Kienet biċċa xogħol iebsa u li ħadet ħafna żmien biex tneħħiet il-ħamrija kollha u l-għerien tbattlu mill-għadam kollu li kien hemm.



Il-Patri Ġiżwita Manuel Magri: kien etnografu, arkeoloġista u kittieb.

Kien innota wkoll xi ħaġar kbir wieqaf (*megaliths*). Jgħid li hu ċert li ma kien intmiss xejn minn dan is-saff. Bejn l-1990 u l-1993 kien sar studju aktar bir-reqqa u b'apparat aktar modern. Kien f'dawn is-snin li sirna nafu għalfejn kien tħaffer Ħal Saflieni.

Ħal Saflieni hu Ipoġew, imħaffer fi strutturi l-aktar avvanzati għal żmienu. Dawn in-nies ħolqu arkitettura funerarja kif ukoll tempju għall-ħtiġijiet ritwali tagħhom. Taħt l-art tħaffru passaġġi, kmamar kbar u żgħar u spazji miftuħa. Dawn in-nies għażlu li flok jibnu tempju fuq wiċċ l-art, iħaffru tempju taħt l-art fuq l-istess mudell li kien hemm fuq wiċċ l-art. Dawn in-nies, fl-intelliġenza tagħhom għarfu li l-istess fissuri u għerien setgħu jkunu ta' għajnuna kbira biex jilħqu l-ħsieb li kellhom. Dan kien santwarju biex jaqdi l-ħtiġijiet reliġjużi tagħhom. L-Ipoġew għadu magħna f'kundizzjoni tajba ħafna. Ir-raġuni ta' dan hi ovvja. Ma hux mikxuf għall-elementi ta' xemx, xita u riħ. Barra minhekk qatt ma ra eluf ta' nies waqt xi żjara. Minħabba f'hekk ħsara ma saritlux bħalma ġralhom it-tempji li qegħdin fuq wiċċ l-art.



Kranju li nstab fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, li mill-istudji li saru juri li nbena fi Żmien il-Ħaġar.

L-għodod li nstabu, mill-eżami tal-fuħħar u mill-ħafna kranji li nstabu, wasalna għall-konklużjoni li dawn in-nies kienu ta' Żmien il-Ħaġar meta f'dan iż-żmien l-armi u l-għodda kienu tal-ġebel.

Is-saff tan-nofs hu wieħed mill-isbaħ u l-aktar raffinat fil-bini ta' tempji li huma replika tat-tempji fuq l-art. Dawk li huma midħla sewwa tat-tempji jaraw li l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni jixbaħ ħafna lit-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Temi Zammit, Anthony Pace u Rueben Grima jitfgħu dubji serji li xi saffi tal-livell ta' fuq setgħu ġew distrutti biex saru pilastri b'saħħithom ħalli jkun jista' jinbena l-post ta' abitazzjoni. Dawn illum ma għadhomx hemm, tneħħew. Tħallew biss xi xorok u arkati. Imma xorta jibqa' l-fatt li l-ħaddiema ma kissrux kollox jew raddmu u b'hekk ma saritx ħsara rreparabbli lis-saff ta' fuq, li jibqa' l-aktar wieħed qadim għal dan is-sit.

Biex saret it-triq li hemm illum, kellhom jindifnu xi strutturi. Instabet ċeramika li hi tal-fażi ta' 4000 sena qK. Bir-raġun kollu naħsbu li dan is-sit kien abitat għal din il-ħabta. Studjużi barranin ta' l-arkeoloġija jpoġġu dan is-sit fil-fażi 3600 qK li hu Żmien it-Tempji.

L-Ipoġew tħaffer fil-blat artab magħruf b'tal-franka (*globigerina limestone*). Ma nstabu l-ebda għodda tal-metal li setgħet intużat biex tqatta' l-blat. Intuża l-kwarz, iż-żnied u l-ossidjana. Biex il-ħitan ġew illixxjati, intużat



Ħal-Saflieni hu santwarju biex jaqdi l-ħtiġijiet reliġjużi ta' l-antenati iżda mħaffer taħt l-art bħallikieku tempju fuq wiċċ l-art!



L-Ipoġew tħaffer fil-blat artab (franka) mat-3600 qK (Żmien it-Tempji).

ġebla aktar iebsa mill-franka. Fejn kien hemm bżonn nbnew it-triliton u twaqqfu megaliti. Biex isebbħu l-post ħaffru fil-blat strutturi li kienu jixbħu lit-tempji fuq wiċċ l-art. B'hekk ħolqu replika tat-tempji li kienu mdorrijin jaraw fil-ġirjiet tagħhom mal-gżira. Tħaffru niċeċ u alkovi. L-aktar żewġ tempji li huma kkupjati f'Ħal Saflieni huma Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Temi Zammit jgħid li l-komunità kienet tiltaqa' f'kamra kbira quddiem kappella minn fejn riti reliġjużi kienu jiġu ċċelebrati. Fil-viċin kien hemm l-oraklu, minn fejn il-qassis jew iċ-ċelebrant kien jitkellem u leħnu jidwi mal-post kollu. Kien hemm kmamar żgħar ħafna fejn it-twajba kienu jorqdu u jkollhom il-ħolm tagħhom imfisser. Kien santwarju fejn żgħażagħ kienu jiġu mgħallma s-sengħa tat-tifsir tal-ħolm kif ukoll il-maġija. L-Ipoġew kien post fejn is-seħer u l-maġija kienu jagħmlu parti integrali mir-rit reliġjuż li kienu jħaddnu dawn in-nies. L-ilma kien jagħmel parti mir-rit. Instabet ċisterna li żgur kienet għall-ħażna ta' l-ilma. Il-ħasil tal-mejtin għadu magħna sal-lum. Jista' jagħti l-każ li kellu xi użu ieħor li sa issa għadna ma skoprejnieħx.

## Is-sejbiet

Mhux possibbli li hawn insemmu s-sejbiet kollha li ħarġu mill-Ipoġew. Din hi waħda mis-sejbiet. Oġġetti magħmula mill-metal ma nstab xejn. Għadam uman kien hemm biex tibni 7,000 persuna bejn irġiel, nisa u tfal.

Ħafna mill-kranji tfarrku taħt il-piż tal-ħamrija umda. Imma minn dak li kien baqa', nistgħu nieħdu idea ta' xi kwalità ta' nies kienu. Mill-istudju antropoloġiku li sar, aħna kważi ċerti li dawn in-nies ġew mill-inħawi tal-Mediterran.



Wieħed mill-oġġetti li nstabu fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni: reċipjent tal-fuħħar.

Ħasra imma li qatt ma sar studju mediku fuq l-għadam li nstab. Ma nafux jekk dawn in-nies kienux morda u jekk kienu, b'liema marda. Ma nafux liema xogħol kienu jagħmlu, jekk kinux bdiewa, bennejja jew sajjieda. Ta' min min ifakkar li meta nstabu l-iskeletri f'Ħal Millieri, it-tabib Mangion kien eżamina l-għadam u sab li xi nisa kienu morda bil-*Venereal Disease*; oħrajn kellhom *ostioporosis* u ma' dawn kien hemm numru ta' rġiel. Kien hemm numru ta' bdiewa għax kellhom l-ispina mgħawġa. Kien hemm irġiel u nisa morda bit-tuberkolosi. Irġiel u nisa kellhom vini varikużi. Fuq in-nies ta' l-Ipoġew ma nafu xejn.

Il-megħrież instab fi kwantitajiet kbar. Għodod tal-ġebel u taż-żnied instabu ħafna ukoll. Mrietel maħduma minn ġebel tal-qawwi kienu l-għodda li biha tħaffru l-kmamar. It-tiżjin persunali kien importanti ħafna għall-bniedem Neolitiku. Tant hu hekk, li minbarra kwantità kbira ta' oġġetti għat-tiżjin persunali li nstab, il-mejtin kienu jindifnu bl-ornamenti persunali tagħhom. Il-ġiżirani kienu maħduma mill-bebbux tal-baħar, il-pendenti mis-snien ta' annimali amfibji, mill-agata (ħaġra prezzjuża) u mill-ġada li kienu fil-kulur blu, aħdar u abjad. Nerġa ngħid, għax importanti, li ma nstab xejn maħdum mill-metall. Fuħħar instab fi kwantitajiet kbar. Fuħħar maħdum sabiħ u moħmi bl-akbar attenzjoni. Mill-eżami tal-fuħħar biss jidher li din il-komunità ta' Ħal Saflieni kellha kultura avvanzata ħafna u li fil-Mediterran kollu ma nstabx fuħħar aqwa minnu kemm fid-disinn kif ukoll fil-forom differenti li ħadmu.



Ġiżirana maħduma mill-bebbux: waħda mill-ħafna ornamenti persunali li nstabu.

## Il-Livell ta' Fuq

Il-post hu maqsum fi tliet livelli. Il-livell ta' fuq hu l-aktar qadim. Mix-xejra tax-xogħol jidher li kien hemm monument mill-isbaħ u li dan ġie mfarrak biex setgħu jinbnew id-djar li kien hemm fuqu. Li fadal f'dan il-livell hi kamra f'nofs tond li kienet tieħu dritt lejn il-kmamar funerarji. Hi mżejna bi triliton qabel id-daħla u ġewwa għandha megaliti li qed iservu ta' ħitan diviżorji u daħliet f'għamla ta' twieqi żgħar. Xi kmamar għad għandhom fdalijiet tad-dfin li kien isir. Għad hemm ħamrija fl-irkejjen, li din bilfors inġiebet minn barra. L-użu tagħha kien biex fiha jidfnu l-iġsma. Interessanti f'dan il-livel hu l-fatt li hemm numru ta' rampi li jgħaqqdu t-tliet livelli flimkien. Mis-siti kollha li jaqgħu taħt il-*UNESCO World Heritage List*, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni hu l-aktar wieħed moħbi minn għajnejn in-nies. Hu kumpless funerarju taħt l-art li nbena matul iż-żmien 4,000 qK sa 2400 qK.



Fil-livell ta' fuq naraw kamra f'nofs tond li kienet tieħu dritt lejn il-kmamar funerarji.

## Il-Livell tan-Nofs

Tinżel għal-livell tan-nofs minn daħla li qegħda f'nofs il-livell ta' fuq. Kif tidħol minn dan il-bieb issib ruħek f'kuritur dejjaq, li jgħaqqad iż-żewġ livelli. Hawn insibu żewġt ikmamar, waħda kbira u l-oħra żgħira li huma mill-isbaħ. Dawn il-kmamar huma msebbħa billi għandhom faċċata mnaqqxa tat-tempji li qegħdin fuq

wiċċ l-art. Naraw kumpless sħiħ ta' ġebel wieqaf u ieħor mindud. Minn ġot-trilitons tgħaddi għal kmamar oħra li huma sekondarji. Illum it-teknika moderna tgħidilna li dawn tħaffru bis-sistema msejħa "*fisheye effect*". Kollha għandhom saqaf imħaffer. Dan jista' jiftiehem li t-tempji fuq wiċċ l-art kienu msaqqfa. Din il-kamra kienet kollha miżbugħa ħamra (*red ochre*). Illum ukoll għadhom jidhru traċċi qawwija ta' din iż-żebgħa.

Hawn naraw kemm il-bennejja taż-Żmien Megalitiku fehmu tajjeb il-kompożizzjoni tal-ġebla tal-franka. B'kollox għaddew minn fuq din il-kamra aktar minn 5,000 sena, li matulhom Malta ħasset numru konsiderevoli ta' terremoti. Iżda baqgħet wieqfa u ma ġġarrfitx.

Waħda mill-kmamar sbieħ li għandu l-Ipoġew, hi magħrufa bħala d-"*Decorated Room*". Naraw għaliex hi kamra interessanti ħafna. Hawnhekk instabet l-istatwetta magħrufa bħala "l-Mara Rieqda" (*The Sleeping Lady*). Instabet fl-1905. Mistoqsija importanti ħafna hi: "Din l-istatwetta ntefgħet fil-ħofra waqt ċerimonja tar-rit reliġjuż li hu magħruf għalih l-Ipoġew jew kienet midfuna ma' xi ħadd li ndifen hemm ġew? It-tweġiba qatt ma nistgħu nkunu nafuha. Mijiet ta' statwetti li juru l-figura umana nstabu fl-Ipoġew. Barra minhekk instabu f'pożizzjoni differenti u varji. Anki hawn ma nafux jekk dawn l-istatwetti kienux juru allat, qraba jew figuri mitoloġiċi. Il-kolonna tan-nofs u l-oħra tal-ġenb huma mħaffra b'ħafna toqob irqaq li jixbħu lil dawk li hemm fit-Tempji ta' Ħal Tarxien, ta' Ħaġar Qim u tempji oħra li huma mibnija fuq wiċċ l-art. Bejn dawn il-kolonni hemm dekorazzjoni bir-*red ochre*. Mas-saqaf ta' din il-kamra hemm kaxxi mpinġija bl-aħmar u kaxxi mħollija kulur il-ġebla.



L-istatwetta (minn wara) magħrufa bħala "l-Mara Rieqda" (The Sleeping Lady) li nstabet fl-1905.

Kamra oħra importanti u magħrufa ma' l-arkeoloġi tal-Mediterran u l-Ewropa hi dik magħrufa bl-isem ta' "l-Qaddis tal-Qaddisin" (*Holy of Holies*). Mill-post fejn tinsab, mill-iskultura li jsebbaħha u mill-kobor tagħha, kienet il-kamra qofol tar-rit prattikat minn dawn in-nies. Imħaffra u skolpita fil-blat ħaj. Għalkemm hi skultura basso-riliev, hi xogħol mill-aktar maħsub bil-għaqal, juri ġenwità għolja għax malli taraha taħseb li hi mibnija. M'hi xejn ħlief illużjoni fejn int taħseb li qiegħed f'wieħed mit-tempji li jinsabu fuq wiċċ l-art! L-idea li n-nies tal-qedem qatgħu u skolpixxew disinji li jixbħu xi struttura, insibuha f'ħafna kulturi tal-qedem fi żminijiet differenti. Meta ġie studjat l-Ipoġew u mqabbel ma' strutturi oħra Mediterranji u Ewropej, instab li dan hu l-uniku post li laħaq livell daqshekk għoli ta' sofistikazzjoni. Din il-parti ta' l-Ipoġew hi tabilħaqq oriġinali u żvilupp importanti ħafna fl-istorja tal-bniedem.



Kamra oħra importanti fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni hija dik magħrufa bħala "l-Qaddis tal-Qaddisin" (Holy of Holies).

Is-saqaf ta' "l-Qaddis tal-Qaddisin" jurina kif kienu msaqqfa t-tempji fuq wiċċ l-art, li dawn is-soqfa kollha waqgħu maż-żmien. Hawn għandna xbieha ta' kif setgħu kienu dawn is-soqfa tat-tempji għax l-Ipoġew tħaffer fi Żmien it-Tempji u meta dawn kien għadhom imwaqqfa kollha. Għall-periti, l-inġiniera u l-arkitetti, dan hu mezz validu biex jistudjaw x'sistema ta' għata kellhom it-Tempji Megalitiċi. Bil-fors li ntużat is-sistema tas-saljaturi (*corbelling*). Bħalma "l-Mara l-Ħoxna" tatna identità hekk ukoll għamel l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni għax dan ġera mad-dinja kollha speċjalment f'magazins tal-periti, ta' l-arkeoloġija u mal-filatelisti tad-dinja. Barra minhekk dawk li jistudjaw u huma akkaniti għall-kollezzjoni tal-muniti, sabu l-Ipoġew fuq il-karti tal-flus Maltin.

In-niċċa ta' l-oraklu qegħda f'waħda mill-kmamar li jinsabu fil-livell tan-nofs. magħrufa bħala "t-Toqba ta' l-Oraklu". Min kien jużа din it-toqba kellu leħnu oħxon. Il-leħen kien jiġri ma' l-Ipoġew kollu u kien joħloq fin-nies misteru u biża' fl-istess ħin. Persuna b'leħenha rqiq ma tagħmilx effett. Bħat-Tempji fuq wiċċ l-art, għadna ma nafux għalfejn kien jintuża l-Oraklu. Kulma għandna s'issa huma teoriji u suppożizzjonijiet. Din il-ħofra nstabet mimlija bl-iskeletri li maż-żmien indifnu hemm u allura l-akustika kienet żgur differenti.

It-tpinġija fil-kamra ta' l-oraklu hi eċċezzjonali għax din tiksi s-saqaf kollu tal-kamra. Baqgħu sbieħ u mhux mittiefsa għal dan iż-żmien kollu. Ir-raġuni hi waħda. Dawn il-"*wall paintings*" huma f'post li hu mkenni mit-taqtir ta' l-ilma u mill-kurrenti ta' arja li jduru ma' l-Ipoġew. Il-materjal użat f'din it-tpinġija mhux Malti imma Sqalli. Din hija prova li dawn in-nies kienu jivvjaġġaw. Dan il-pigment (materjal li jagħti l-kulur li jinsab b'mod naturali fil-ġilda, ix-xagħar, eċċ. tal-ħlejjaq ħajjin) kien jintuża fiż-Żmien Neolitiku waqt ritwali funerarji. L-aħmar


"It-Toqba ta' l-Oraklu" li kienet tintuża minn xi ħadd b'leħnu oħxon, tant li leħen irqiq ma jagħmilx effett.

għall-komunità Neolitika kien ifisser "demm u ħajja". Esperti tan-Neolitiku jaraw f'din it-tpinġija pjanti żgħar u siġar kbar. Oħrajn isostnu li hu diffiċli ħafna biex tifhem din it-tpinġija. B'danakollu l-immaġinazzjoni tagħna twassalna biex almenu nifhmu l-effett qawwi li dawn kellhom fuq din il-komunità ta' Żmien il-Preistorja. Irridu dejjem nżommu quddiem għajnejna li dan l-Ipoġew kien fi dlam ċappa, li min kien jidħol fih kien iġorr xi imnara b'dawl inemnem u allura dawn kienu jidhru aktar misterjużi u maġiċi.

"Il-Mara Rieqda" jew aħjar kif inhi magħrufa *"The Sleeping Lady"* hi statwetta tat-terrakotta li ġibdet l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Ftit ħafna huma l-istatwetti li baqgħu jissemmew għal daqstant snin. *"The Sleeping Lady"* hi waħda minn dawn li ġriet madwar id-dinja, li sabet postha fil-muniti tan-Nazzjon Malti; li hi studjata mill-istudenti li jidħlu għall-kors ta' l-arkeoloġija u minn dawk li jieħdu l-arti bis-serjetà. Hi magħrufa wkoll bl-isem ta' *"the sleeping goddess of fertility"*. Dan minħabba l-fatt li hi mara ħoxna u l-ħxuna fil-preistorja kienet tfisser fertilità. Imma mhux il-ħxuna biss tatha l-laqam tal-fertilità Imma anki l-pożizzjoni li qegħda. Din l-istatwetta, li hi meqjusa bħala l-aktar waħda sabiħa u mirquma fl-arti preistorika, hija ta' daqs pjuttost ċkejken: għolja 7 ċentimetri (2.7 pulzieri), twila 12-il ċentimetru (4.7 pulzieri) u wiesgħa 6.8 ċentimetri (2.6 pulzieri).


"Il-Mara Rieqda" (The Sleeping Lady) hi statwetta tat-terrakotta ta' qies pjuttost ċkejken - twila biss 12-il ċentimetru.

Hi statwetta enigmatika u ħafna huma l-mistoqsijiet li s'issa ma nstabux tweġibiet għalihom. Hi alla-mara? Rieqda jew mejta? Għaliex hi mneżża minn qaddha 'l fuq? Għaliex fit-tarf tad-dublett hemm il-ġenitalja tal-mara? X'ried jgħid l-artist meta ħadem din l-istatwetta fejn taħseb li l-parti ta' fuq mhix proporzjonata mal-parti ta' isfel? Kieku kellha tqum bil-wieqfa naraw li hi mara proporzjonata ħafna. Billi hi mimduda qed naraw illużjoni. Bħalma naraw fl-arti preistorika s-saqajn huma żgħar meta mqabbla mal-ġisem kollu. Id-driegħ tal-lemin jistrieħ taħt rasha u bid-driegħ l-ieħor jintuża bħala support. L-għajnejn huma magħluqa.

Imma din l-istatwetta tmur aktar 'il bogħod fit-tifsira tagħha. L-istatwetta ma taqa' taħt l-ebda ikonografija ta' żmienha. Din hi fi klassi għaliha weħidha. Ix-xogħol fil-fuħħar hu mill-isbaħ u l-*finishing* hu delikat ħafna. Statwa li nstabet sħiħa u mhux imkissra bħalma mijiet ta' figurini li sibna. Illum l-arkeoloġi jwasslulna teorija li ħafna mill-istatwetti li sibna mingħajr ras kien biss mutilament. Il-figura tal-mara hi perfetta. Sabha Patri Manuel Magri fl-1905. Ma nafux x'kienet ir-reazzjoni tiegħu. Imma fl-1924 Temi Zammit u l-arkeologu Singer qallu: *"A high level of craftsmanship and delicate finish"*; Meskell fl-1995 qal: *"The curvilinear of the female figure is very attractive"*; Anthony Pace fl-1996 qal: *"The form of the figure has signs of a fertility deity"* u l-istoriku Grima qal hekk: *"A very attractive obese woman"*. Magħha nstabu tnejn oħra f'Malta u waħda fix-Xagħra *Stone Circle* imma hi statwetta bi tliet figuri. Ta' Malta huma waħda bil-wieqfa u tnejn l-oħra mitluqa fuq sufan.


Is-Superintendent tal-Beni Kulturali, Dr. Antony Pace.

Hemm tifsira oħra li tingħata lil din l-istatwetta: "ir-Raqda t-Twila" jiġifieri l-mewt. L-erba' statwetti ġew minn ċimiterju - *Hypogeum* u *Xagħra Stone Circle*. Ħafna esperti jifhmu li l-istatwetta qegħda f'pożizzjoni fetali u allura dik kienet xbieha tal-mewt. Jista' jkun li ndifnet qabel ma l-komunità ta' Ħal Saflieni telqet minn hemm u ma ġietx lura. Il-kult funerarju Preistoriku Malti dejjem kellu artefatti mal-mejtin. Artefatti li xi wħud minnhom kienu ta' livell għoli u oħrajn medjokri. Bħalma l-bniedem imut u jindifen, hekk ukoll kien wasal iż-żmien għal din l-istatwetta li tisparixxi u ma tibqax aktar meqjuma mis-soċjetà. Allura nagħlaq billi nikkwota lis-Superintendent tal-Beni Kulturali, Dr. Antony Pace, li jgħid hekk: *"Far from depicting an image of a goddess of fertility, with all its connotations of birth, the imagery of the Sleeping Lady may have alternatively been a portrait of death"*. Il-komunità kienet taf li ser titlaq minn hemm u ma tirritornax.


***Referenzi:***

***Caruana Annetto**: Ancient Pagan Tombs and Christian Cemetries in the Islands of Malta, explored and surveyed from the year 1881 to the year 1897; Government Printing Press, Malta 1898*

***Cilia Daniel, editor**: Malta before History, the world's oldest free-standing stone architecture; Miranda Publishers; 2004*

***Sagona Claudia**: The Archaeology of Punic Malta' Ancient Near Eastern Studies, Supplement ; Peeters; 2002*

***Mifsud Anton/Savona Ventura Charles editors**: Facets of Maltese Prehistyory; Prehistoric Society of Malta; 1999*

***Museum of archaeology:** Information from panels*

***Pace Anthony, editor**: The Hal Saflieni Hypogeum 4000BC - 2000AD; Nationbal Museum of Archaeology Museums Department; 2000*

***Trump David H**: Malta, Prehistory and Temples; Midsea Books; 2002.*